*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Pohlmann, aġent)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tat-23 ta' Lulju 2012 (Każ R 1693/2011-1), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' sinjal li jikkonsisti fit-twaħħil ta' buttuna tal-metall f'nofs il-widna ta' ġugarell artab fil-forma ta' annimal bħala trade mark Komunitarja.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Margarete Steiff GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

([1]) ĠU C 366, 24.11.2012.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Jannar 2014 — Steiff vs UASI (Tikketta mwaħħla permezz ta' buttuna tal-metall f'nofs il-widna ta' ġugarell artab fil-forma ta' annimal)**

**(Kawża T-434/12)** [1]

***("Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja li tikkonsisti fit-twaħħil ta' tikketta permezz ta' buttuna f'nofs il-widna ta' ġugarell artab fil-forma ta' annimal — Raġuni assoluta għal rifjut — Assenza ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009")***

(2014/C 52/67)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Margarete Steiff GmbH (Giengen an der Brenz, il-Ġermanja) (rappreżentant: D. Fissl, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Pohlmann, aġent)

**Suġġett**

Rikors kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tad-19 ta' Lulju 2012 (Każ R 1692/2011-1), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' sinjal ikkostitwit mit-twaħħil ta' tikketta permezz ta' buttuna f'nofs il-widna ta' ġugarell artab fil-forma ta' annimal bħala trade mark Komunitarja.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Margarete Steiff GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

([1]) ĠU C 366, 24.11.2012.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Jannar 2014 — LaserSoft Imaging vs UASI (WorkflowPilot)**

**(Kawża T-475/12)** [1]

***("Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali WorkflowPilot — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009")***

(2014/C 52/68)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* LaserSoft Imaging AG (Kiel, il-Ġermanja) (rappreżentant: J. Hunnekuhl, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: D. Walicka, aġent)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tas-6 ta' Awwissu 2012 (Każ R 480/2012-4), dwar applikazzjoni għal reġistrazzjoni tas-sinjal verbali WorkflowPilot bħala trade mark Komunitarja.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *LaserSoft Imaging AG hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

([1]) ĠU C 9, 12.1.2013.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Jannar 2014 — Optilingua vs UASI — Esposito (ALPHATRAD)**

**(Kawża T-538/12)** [1]

***("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' revoka — Trade mark figurattiva Komunitarja ALPHATRAD — Użu ġenwin mit-trade mark — Importanza tal-użu — It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 15(1)(a), u l-Artikolu 51(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009")***

(2014/C 52/69)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Optilingua Holding SA (Épalinges, l-Isvizzera) (rappreżentant: S. Rizzo, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: S. Pétrequin u A. Folliard-Monguiral, aġenti)